NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Marzu - April 2003* *Nru 131*



## Messaġġ minn Monsinjur Ġużeppi Farrugia

Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

# IL-ĦNIENA DIVINA: FIL-MISTERU TA' KRISTU FEDDEJ FIT-TIFKIRA CENTINARJA TAX-XHIEDA TA' SAN GORG FIL-QIMA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA

Għeżież qarrejja!
Għeżież parruċċani ta' San Ġorġ!
Għeżież Ġorġjani!

Inħossni onorat tassew li, f'dawn il-jiem, qiegħed inkellimkom dwar ġrajjiet ta' ferħ li għandhom tifsira speċjali għalina lkoll. Huma ġrajjiet marbutin mal-preżenza misterjuża ta' Ġesù fostna. Insejħilha preżenza "misterjuża" fis-sens teoloġiku tal-kelma, għax hija preżenza li tidher u tagħti s-salvazzjoni fil-ġrajjiet li ser niċċelebraw: ġrajjiet Kristoloġiċi, ċelebrazzjonijiet Ekkleżjali u tifkiriet Ġorġjani. L-ewwelnett, il-ġrajjiet ta' mħabba tal-Ġimgħa Mqaddsa.

### ĠRAJJIET KRISTOLOĠIĊI

Fil-jiem qaddisa tal-Ġimgħa Mqaddsa aħna mistednin ngħixu flimkien ma' Kristu l-akbar ġrajja ta' mħabba li turi l-ġenerożità kbira li għandu Alla għalina. Nagħtu bidu għal din il-ġimgħa biċ-ċelebrazzjoni ta' Ħadd il-Palm u nkompluha bit-tifkiriet kbar ta' Ħamis ix-Xirka meta din is-sena jmiss li jkollna l-purċissjoni tradizzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira, ta' Jum il-Passjoni tal-Mulej, Sibt il-Għid u l-Għid il-Kbir.

Nitlobkom biex f'dawn il-jiem li hejjejna għalihom matul dan ir-Randan Imqaddes, infittxu li nakkwistaw l-aħjar frott spiritwali. Ejjew nersqu lejn is-sagrament tal-qrar. Ejjew niltaqgħu lkoll flimkien għal-liturġija solenni li ssir fil-bażilika tagħna. Ejjew ngħinu fis-suċċess ta' dawn il-ġemgħat liturġiċi billi nheġġu lil xulxin għall-parteċipazzjoni attiva



fihom. Il-ġenituri għandhom l-akbar responsabiltà f'dan, billi juru lil uliedhom l-importanza tal-funzjonijiet li jsiru fil-Parroċċa, l-aktar bl-eżempju tagħhom.

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa jintemmu fil-Pontifikal Solenni ta' l-Għid il-Kbir. Dak inhar, jiġifieri f'jum ir-rebħa l-kbira tal-Mulej, nissoktaw biċ-ċelebrazzjonijiet tat-tifkira ċentinarja tax-xhud kbir tar-rebħa tal-Mulej, li hu San Ġorġ, il-Patrun u l-Protettur tagħna.

### TIKIRIET ĠORĠJANI

Ilna nsemmuhom u ilna wkoll inħejju għalihom. Issa se nagħtu bidu għaċ-ċelebrazzjoni tagħhom. Fil-jiem li jmissu mat-23 ta' April, jum San Ġorġ, għandna għadd ta' mumenti memorabbli li fihom se nfakkru x-xhieda li ta San Ġorġ għal Kristu fil-martirju tiegħu, l-imħabba li wera Għawdex lejh għall-protezzjoni tiegħu u l-impenn li rridu nġeddu aħna biex nissoktaw fil-ministeru ta' fidi li San Ġorġ għandu jispirana bih u jħeġġiġna għalih.

Kulħadd, tfal u żgħażagħ, adulti u anzjani, familji u individwi, irġiel u nisa li jifformaw il-familja Ġorġjana, kulħadd għandu jħoss l-importanza ta' dawn it-tifkiriet Ġorġjani. U kulħadd, fil-ferħ ta' din l-okkażjoni straordinarja, għandu jfittex li jgħix

*ikompli f'paġna 7*

# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*



*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI**

16.03.03: ROSE MARIE,
bint Frankie Tabone u Rose Anne nee' Sultana
05.04.03: NICOLAI,
iben Frankie Vella u Tanya nee' Curmi

**MARRU JINGHAQDU MA' KRISTU RXUXTAT**

28.02.03: Agostino Galea
17.03.03: Maria Grazia Vella
29.03.03: Ġużeppi Micallef



## PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES

**Mill-Ġimgħa 8 t'Awissu sal-Erbgħa 13 t'Awissu 2003**
**Ħamest Ijiem Sħaħ**
***(Kellu jsir bdil fid-dati minħabba l-iskeda ta' l-Air Malta)***
Min hu interessat għandu jikkuntatja l-Uffiċċju Parrokkjali jew ikellem lil Mons Salv Borg

# Editorjal

## NIĊĊELEBRAW

Matul il-Ġimgħa li ġejja ser infakkru l-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Hija ġimgħa li matulha kull nisrani awtentiku għandu jagħmel ħiltu biex jiltaqa' ma' Kristu; jekk għandu bżonn jistqarr ħtijietu, u jerġa' jitħabbeb miegħu.

L-iskop tal-priedki kollha li saru matul ir-Randan Imqaddes huwa proprju dan: li nirriflettu dwar dak li qed nagħmlu u jekk insibu li qed niżbaljaw inkunu kuraġġużi u ngħidu "le" għal dak kollu li kien qed ifixkilna fil-mixja tagħna lejn is-Sema Pajjiżna. Fil-parroċċa tagħna kellna diversi korsijiet ta' eżerċizzi spiritwali u ninsabu konvinti li ħafna u ħafna huma dawk li gawdew spiritwalment minnhom.

Iċ-ċelebrazzjoni solenni tal-Qawmien mill-Imwiet tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu ser twassalna fil-bidunett taċ-ċelebrazzjonijiet ċentinarji f'għeluq il-Sbatax-il Mitt Sena mill-Martirju glorjuz tal-Patrun tagħna u ta' gżiritna San Ġorġ Martri. Ilkoll kemm aħna, tfal, żgħażagħ, nisa, rġiel, anzjani għandna nagħmlu dak kollu possibbli biex nieħdu sehem bi ħġarna fil-manifestezzjonijiet li ser isiru biex inkomplu naghtu xiehda ta' l-imħabba tagħna lejn San Ġorġ.

Kif kulħadd jaf, dawn il-Festi Ċentinarji mhux qed isiru biex inkunu għamilna festa speċjali f'din l-okkażjoni. Kif qalilna Mons Arċipriet din is-sena għandha tkun sena ta' talb, sena ta' liturġija, sena ta' ħidma pastorali speċjali u sena ta' kultura nisranija. Jekk dan iseħħ inkunu assigurajna li l-festi ma ġewx għalxejn. Inkunu assigurajna li qed niġġeddu spiritwalment. Inkunu assigurajna li ser inħallu lil ta' warajna wirt spiritwali kbir. Il-ħidma kontinwa u koordinata li qed issir fil-parroċċa tagħna tawgura tajjeb li dan kollu jintlaħaq.

Filwaqt li nawguraw lil kull wieħed u waħda minnkom l-Għid it-Tajjeb, inħeġġukom biex matul il-festi ċentinarji li ser jiġu ċċelebrati f'April tieħdu sehem attiv u b'hekk tkunu qed tagħtu xhieda ta' l-imħabba u l-għożża li għandkom lejn il-Patrun tagħna San Ġorġ Martri.

***IL-FESTI T-TAJBA LIL KULĦADD***



# WAĦDI - - - - QUDDIEMEK

*(Kitba ta' Mons Salv Borg)*

Waħdi!— —Jiena u inti!
Insammru għajnejna f'xulxin.
Il-bieb tal-knisja magħluq,
Għax sar il-ħin tal-mistrieħ.
U jien ġejt hawn, sabiex wara li sellimt lil Ġesù
Intasabt quddiem il-ġmiel tiegħek,
Kif ħallihulna Mastru Pietru Pawl Azzopardi.

X'Ħena!— — X'Seħer!— — — X'imħabba!
Illum qiegħed nifhem
Għaliex missirijietna ssaħħru minnek
U mlew qalbhom bl-imħabba tal-Ġenna.
Kellhom raġun ommijietna,
Sa minn meta ġarrewna f'ġufhom
Għallmuna nlissnu ismek,
U meta wellduna refgħuna fuq dirgħajhom
U ż-żewġ idejn ċkejknin tagħna
Ħabbtu flimkien, filwaqt li minn fommna
Li anqas biss kien għadu jaf jgħid kelma,
Iżżerżqet il-għajta ta' Ġorġi— —Ġorġi— -

Waqft inħares lejn dak wiċċek ħlejju,
Wiċċ jarmi l-ħlewwa taż-żogħżija.
Ħarist f'għajnejk— — — -
u rajt li filwaqt li kienu msammru fuqi,
Urewni wkoll is-Sema tagħna.
Ħarist lejn xofftejk,
U donni smajtek issejjaħli.
Għajjatli b'ismi, għax jiena tiegħek,
U inti tiegħi.

Sammart il-ħarsi tiegħi fuq dik il-korazza,
Li kienet taħbi warajjha saħħa qawwija,
Ħierġa mill-qalb li tant ħabbet 'l Alla
U ħabbet lilna wkoll ukoll uliedek ċkejkna!

Ħarist f'idejk— — mhux le, idejn mitluqa,
Iżda jdejn ħawtiela li ma jafux bi bruda.
Ħarist u rajt il-ħżiem ta' qaddek,
U fhimt l-imħabba ta' kull Ġorġjan
Li ried jintrabat miegħek,
F'rabta li matinħall qatt.

Ħarist f'idejk u lmaħt kuruna.
Kuruna tar-rebħa li int tqabadt għaliha.
U lmaħt ukoll ix-xabla tleqq
Sabiex turina li r-rebħa hija biss
Il-frott tal-ġlieda.

Ħarist f'riġlejk u rajtek miexi— -
Wieqaf u miexi, ħaġa li ma titwemminx.
Wieqaf biex tibqa' magħna.
Miexi biex turi lilna t-triq
Li rridu nterrqu, imwennsa minnek
Sa ma riġlejna jirfsu l-għatba dehebija
Tas-Sema pajjiżna.

Ħarist u rajt dragun mirgħux
Ferut, mgħaxxex, migdud, mherwel,
Jishet il-mument li tqabad miegħek,
Għax b'qilltek qtiltu, u rebbaħt il-Knisja.

U issa, jiena hawn — — Waħdi!
Imma x'jiena ngħid— — -
Hawn miegħi wkoll missieri w ommi,
Nanniet, zijiet u l-familjari kollha
Li matul ħajjiethom tawk l-imħabba tagħhom,
U li jiena ċert int tajthom tiegħek l-imħabba.

Kulħadd jitpaxxa— —Kulħadd jitbissem,
Dis-sena b'mod speċjali tal-festi ċentinarji.
Għaliex għaddew u tgerrbu minn fuq id-dinja
Sbatax-il mitt sena, Inti bqajt rebbieħ,
Int bqajt żgħażugh, int bqajt il-ħarries u l-patrun tagħna.

Berikna, o mimmi t'għajnejna,
U għamel li jiġri x'jiġri f'ħajti
Jiena nibqa' inħobbok
U fik jiena niqa' nara lil Dak
Li int ħabbejt bil-bosta.

Jien tiegħek, għax jien t'Alla.
U jien t'Alla għax jiena tiegħek.

U llum, waħdi, f'dis-sikta tal-ġenna,
Filwaqt li qed nitkellem miegħek,
U bik nitpaxxa,
Nażżarda nerfa' ħarsti lejk,
U minn xofftejja toħroġ dit-talba!

San Ġorġ tal-Kappadoċja
San Ġorġ il-Martri tan-Nikomedija
San Ġorġ il-Qaddis ta' Lydda
San Ġorġ Patrun ta' Għawdex tagħna,
Nitolbok, ieqaf miegħi,
Nitolbok, għasses fuqi,
Nitolbok, żiedli l-ħeġġa
Biex ismek inkompli ntenni,
Biex lilek nibqa' nippriedka,
Biex lilek nibqa' nipprattika
Biex lilek nuri mħabbti
Li ma tagħmilx għajb lil dawk li ġew hawn qabli!

Ħarisna n ndukrana
Berikna u seddaqna
Biex inti tibqa' għalina
L-Istilla li ddawwalna.

# Niċċelebraw iċ-Ċentinarju Ġorġjan: SAN ĠORĠ MARTRI: Minn Glorja Għal Glorja

*(Il-Kwadri tas-saqaf tal-Bażilika tiegħu: tifsir u tagħlim)*

minn Dun Ġużepp Gauci

**Daħla**

Is-sitt kwadri ewlenin li hemm fis-saqaf tal-Bażilika tagħna tpittru mill-Professur Giovanni Battista Conti ta' Ruma, fl-awla ta' fuq, illum l-Awla Kapitulari, bejn l-1950 u l-1952. Meta tlestew twaħħlu f'posthom f'Marzu 1953 u wara ftit x'uħud minnhom waqgħu u reġgħu twaħħlu f'April 1953. Sadattant il-Festa ta' San Ġorġ li kienet issir fir-4 Ħadd wara l-Għid, ġiet trasferita għat-tielet Ħadd ta' Lulju minħabba l-maltemp.

F'dawn il-kwadri, li juru xeni mill-martirju u l-glorja ta' San Ġorġ, il-Professur Conti mhux biss tana opra ta' arti, iżda opra spiritwali għax fihom għandna proċess ċar minn sebħ għal sebħ, li jwassal għas-sebħ dejjiemi ta' San Ġorġ fil-glorja tal-ġenna. Għalhekk, minn kwadru għall-ieħor San Ġorġ jidher jisbieħ, sakemm jasal għas-sbuħija perfetta fl-aħħar kwadru li jurina l-glorja tiegħu. Nagħmlu sewwa jekk matul din is-Sena tas-Sbatax-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ, Patrun u Protettur tagħna, insibu ftit ħin biex nagħmlu meditazzjoni qasira dwar dawn il-kwadri tas-saqaf tal-Bażilika tagħna, biex l-imħabba tagħna għal San Ġorġ Martri, tgħinna nikbru fl-imitazzjoni tiegħu.



**1. San Ġorġ iċarrat l-Editt**

Fis-sena 303, l-Imperatur Ruman Dioklezjanu ħareġ tliet editti kontra l-insara. L-ewwel wieħed kien jordna l-qerda tal-kotba u postijiet sagri u t-tkeċċija ta' l-insara minn uffiċċji publiċi li seta' kellhom. It-tieni editt kien jordna l-arrest tal-membri tal-kleru, filwaqt li t-tielet ordna l-moħqrija ta' dawk li jiċħdu li jissagrifikaw lill-idoli pagani.

Ewsebju ta' Cesarija, fil-ħames volum tiegħu ta' l-istorja tal-Knisja, jirrakkonta li meta f'Nikomedija ġie mxandar id-digriet tal-persekuzzjoni ta' l-insara, kien hemm persuna magħrufa li ċarrtet dan l-editt. Ħafna jidentifikaw din il-persuna ma' San Ġorġ li, f'dawk iż-żminijiet, minn Lidda mar joqgħod Nikomedija minħabba l-esiġenzi tal-kariga militari tiegħu ta' Tribun Ruman. Anke il-Kardinal Wiseman, fir-rumanz "Fabiola" jsemmi lil San Ġorġ bħala dak li ċarrat l-editt ta' Dioklezjanu.

Fil-kwadru, l-ewwek wieħed hekk kif tidħol mill-bieb ewlieni tal-Knisja, San Ġorġ jidher qed iċarrat l-Editt megħjun mis-sema permezz ta' anġlu. Fil-parti t'isfel tal-kwadru hemm żewġ insara jaħarqu fin-nar il-biċċiet ta' l-editt imqatta'. Jidhru wkoll żewġ senaturi rumani fl-isfond ta' palazz ruman, jitkellmu bejniethom dwar dak li għamel San Ġorġ. B'hekk il-pittur ried juri l-konnessjoni ta' din il-ġrajja mal-martirju tal-Qaddis: kienu huma li raw b'għajnejhom li ġara u wasslu l-aħbar lill-awtoritajiet rumani. Dak li għamel San Ġorġ, kif imfisser f'dan il-kwadru, għandu jqawwilna qalbna biex inċarrtu minn quddiemna dak il-ktieb, dik l-istampa u dak kollu li jista' jkunilna ta' tfixkil fl-għixien tas-sejħa nisranija tagħna. Bħal San Ġorġ m'għandniex nibżgħu nieħdu deċiżjonijiet kuraġġjuzi li biħom nagħtu xiehda li aħna nsara tassew!

**2. San Ġorġ jinfired minn kollox**

Wara li ċarrat l-editt imperjali, San Ġorġ kien jaf x'ser tkun xortieh. U allura, kif inkantaw fl-Għasar tal-Festa tiegħu, imnebbħin mill-kitbiet tad-Duttur tal-Knisja, San Pietru Damjan, "*biex b'heffa akbar iħejji ruħu għall-martirju*", ħalla kollox warajh, qassam ġidu lill-foqra, iċċaħħad minn kollox. Is-sema, fil-kwadru, jidher imsaħħab għax waslet it-tempesta. Naraw lil San Ġorġ jibgħat f'darhom lill-qaddejja, iqassam il-ġid lilll-foqra u jitgħannaq ma' Pasikrate, il-qaddej fidil tiegħu li ħallielna xi tagħrif dwar San Ġorġ. Fit-taraġ jidher wieħed marid bil-bastun, li rċieva xi ġid mingħand Ġorġi.

San Ġorġ jidher quddiem palazz ruman fejn kien iwettaq il-ħidma tiegħu ta' Tribun. Jidher imdawwar mill-qaddejja, mill-morda u l-foqra, b'raġel miexi quddiemu b'idejh mgħollija 'l fuq, irodd ħajr 'l Alla u lil San Ġorġ għall-ħelsien li kiseb.



San Ġorġ, f'dan il-kwadru, jurina li biex jimxi tassew wara Kristu fit-triq tas-salib, kien meħtieġ jiddistakka ruħu, jeħles lilu nnifsu minn kollox: ġid tad-dinja, persuni, kariga. Min bħal San Ġorġ, irid jimxi wara Kristu ma jistax jintrabat mad-dinja. Ġesù jridna ħielsa minn kollox warajh. Ħafna bagalji mimlijin b'dak li hu materjali, itaqqluna u jfixkluna fil-mixja tagħna wara Kristu.

### 3. San Ġorġ ifflaġellat

Fit-Talba tal-Quddiesa ta' San Ġorġ Martri naqraw li fil-martirju tiegħu, San Ġorġ sar "*dominicae passionis imitator*", sar jixbah lill-Mulej fil-passjoni tiegħu. U f'dan it-tielet kwadru għandna lil San Ġorġ ifflaġellat bħal Kristu, b'raġġ dawl qawwi nieżel fuqu, li juri l-qawwa tas-sema, u f'ambjent mudlam tad-dinja pagana.

San Ġorġ jidher marbut ma' kolonna qed jiġi fflaġellat minn żewġ manigoldi, f'ħabs mudlam. Hemm senatur jassisti għal dan l-att ta' moħqrija. In-naħa t'isfel tal-kwadru jidher nisrani ieħor marbut jistenna xi kwalita' ta' moħqrija, filwaqt li jidher ukoll il-qaddej ta' San Ġorġ, Pasikrate. Fl-art naraw l-ilbies ta' tribun ta' San Ġorġ, qisu qed iħajjru biex jiċħad għall-fidi u jħaddan mill-ġdid il-kariga militari ta' Tribun, mimlija glorji ta' din id-dinja.



F'dan il-kwadru naraw lil San Ġorġ isir jixbah lil Ġesù fi tbatijietu. Dan hu dak li talab Ġesù stess mid-dixxipli tiegħu: "*min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jisthoqqlux ikun miegħi*" (Mt. 10.38). San Ġorġ jgħallimna u jqawwina bl-eżempju tiegħu!

### 4. San Ġorġ imqatta' mir-rota

Wieħed mill-martirji komuni li kienu jagħtu r-Rumani lill-insara kien dan tar-rota. Rota bix-xfafar jaqtgħu kienet tiddawwar bil-qawwa fuq il-ġisem tan-nisrani u l-martri kien jitbiċċer: biċċiet tal-laħam u ħafna demm kienu jtiru ma' kullimkien. Dan hu r-raba' kwadru li l-Professur Conti pittru bi lwien aktar ċari minn ta' qablu, biex jurina li San Ġorġ qed joqrob sewwa lejn is-sebħ dejjiemi tiegħu.

Fil-kwadru, San Ġorġ jidher marbut mar-rota u żewġ manigoldi qed iħaddmuha. Jidhru wkoll żewġ senaturi rumani, wieħed minnhom iħares lejn is-sema, qisu l-pittur irid jagħtina x'nifhmu li kien wieħed li kkonvertew għall-fidi nisranija frott l-



eżempju ta' San Ġorġ. Jidher ukoll ċenturjun bilqiegħda josserva li kollox miexi sewwa. Senatur ieħor qed iwassal tagħrif dwar dak li qed jiġri lill-Imperatur. U dak li kien qed jiġri kien li l-anġlu tal-Mulej ġie mis-sema u fejjaq lil Ġorġi mill-ġrieħi tiegħu li sarulu mir-rota. L-anġlu tal-Mulej jidher b'wiċċu mgħotti b'ġwejnah biex aktar jispikka wiċċ San Ġorġ li kull ma jmur qed aktar jisbieħ għax riesaq sewwa lejn is-sebħ dejjiemi tiegħu.

Dan il-kwadru jurina li Alla jħares dejjem lill-magħżulin tiegħu. Jiġri x'jiġri, u minkejja li d-dinja tgħaddihom minn tiġrib kbir, Alla qatt ma jitlaqhom, u l-aħħar rebħa tkun tagħhom!

### 5. San Ġorġ mixħut fil-kalkara tan-nar

F'dan il-ħames kwadru ninnutaw li l-ilwien jiċċaraw aktar, għax San Ġorġ jersaq aktar lejn is-sebħ dejjiemi tiegħu. Naraw lil San Ġorġ ħiereġ mill-kalkara tan-nar, b'libsa bajda twila: in-nar, għal San Ġorġ, ma kienx nar qerriedi, imma nar li jsaffi.

San Ġorġ, f'dan il-kwadru hu sabieħ



kważi daqs l-anġlu li qed imexxieh 'l barra mill-kalkara tan-nar u jurih is-sema. Il-bjuda ta' l-anġlu hi aqwa minn dik tal-libsa ta' San Ġorġ, għax ta' l-anġlu hi bjuda tas-sema, filwaqt li ta' San Ġorġ hi bjuda tad-dinja. In-naħa t'isfel, qrib San Ġorġ jidhru tliet persuni jħarsu lejh, għax ikkonvertew imqanqlin mill-eżempju tiegħu. In-naħa l-oħra, f'kuntrast ma' dawn, jidhru ċ-ċenturjun u oħrajn imbeżżgħin u mistagħġbin b'dak li ġara quddiemhom.

Dan il-kwadru jfakkarna fil-ħtieġa li nissaffew qabel naslu fis-sema, nissaffew minn kull xorta ta' ħażen. Il-libsa bajda twila ta' San Ġorġ tfakkarna fil-libsa bajda tal-Magħmudija li biha ssaffejna mid-dnub tan-nisel. Iżda kif Ġorġi għadda mit-tisfija perfetta tal-Martirju, hekk aħna nistgħu nkomplu l-mixja tat-tisfija tagħna billi nilqgħu t-tbatijiet, żgħar jew kbar, bl-istess mod li bih Ġorġi laqa' l-martirju tiegħu. Jekk, bħal San Ġorġ, nilqgħu kollox bl-imħabba, nissaffew biex naslu għas-sebħ dejjiemi tas-sema pajjiżna!

### 6. San Ġorġ fil-Glorja

F'dan il-kwadru tas-saqaf tal-kor, naraw lil San Ġorġ rebbieħ, bil-palma f'idu, wieqaf fuq is-sħab u bil-leminija jurina s-sema, fejn iridna naslu bħalma diġa wasal hu. San Ġorġ jinsab imdawwar minn għadd kbir ta' anġli, li qishom issa, quddiem id-dawl tiegħu tilfu xi ftit mid-dawl tagħhom.

Minbarra din il-parti tal-ġenna, naraw taqsima oħra tal-kwadru, dik tad-dinja, li tagħti wkoll glorja lil San .



Ġorġ. Quddiemnett hemm Pasikrate, l-istess kif rajnieh f'żewġ kwadri oħra, u r-reġina Alessandra, mart l-Imperatur, li kkonvertiet imqanqla mill-eżempju ta' San Ġorġ, u skond it-tradizzjoni, ħadet il-martirju. Hemm, imbagħad, xi mirakli li twettqu bl-interċessjoni ta' San Ġorġ: it-tfajjel li San Ġorġ qajjimlu l-baqra mejta li kellu, il-mejjet irxuxtat. Hemm is-saħħar Atanasju li kkonverta u rċieva l-martirju. Jidhru wkoll ħames senatui rumani mqanqlin għall-konverżjoni mill-fidi qawwija ta' San Ġorġ. Ma' dawn kollha hemm għadd ta' persuni oħra, ilkoll b'ħarsithom ferħana lejn San Ġorġ, imqanqlin u mgħejjunin mill-ħarsien tiegħu.

L-eżempju ta' San Ġorġ li wasal għall-glorja dejjiema tas-sema minn "*triq dejqa u mħarbta*", għandu jimliena bil-kuraġġ biex ma nissaħħrux Iżżejjed minn dak li hu tad-dinja, iżda b'ħarsitna lejn is-sema, fejn San Ġorġ wasal qabilna, fuq l-eżempju u bil-ħarsien tiegħu, "*nitqabdu t-taqbida tal-fidi*", biex naslu ħdejh. Din hi l-aqwa glorja li nistgħu nagħtu lill-Patrun tagħna San Ġorġ Martri.

**Għeluq**

Kif għidt fil-bidu, dawn is-sitt kwadri tal-Prof. G. B. Conti, fihom messaġġ spiritwali qawwi ħafna, li jista' jgħinna biex, kull meta nidħlu fil-Bażilika ta' San Ġorġ Martri biex inqimu lill-Patrun tagħna, nitgħallmu minnu kif tassew inkunu devoti tiegħu.

Sbatax-il mitt sena ilu, San Ġorġ mexa minn sebħ għal sebħ. F'kull pass li għamel kien hemm l-impenn qawwi tiegħu u l-għajnuna tas-sema mwiegħda minn Kristu stess lil dawk li "*ma jibżgħux jixhdu għalih quddiem il-bnedmin*". Dan kollu jista' jirrepeti ruħu fil-ħajja tagħna, jekk nistinkaw biex ngħixu ta' nsara u ta' Ġorġjani tassew kull fejn inkunu!

*(Ritratti: Scerri's Photo Studio-Victoria)*

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

## *Messaġġ ta' l-Arċipriet*

b'mod mill-aktar sħiħ dawn il-jiem sinifikattivi u jkabbar il-ferħ ta' l-oħrajn.

Ejjew nieħdu sehem fil-mumenti kollha ta' liturġija, talb, tagħlim, kultura u komunjoni li se jkollna matul il-Ġimgħa Ġorġjana li se tibda nhar Ħadd il-Għid il-Kbir. Jalla din il-ġimgħa, li tilħaq il-quċċata tagħha fil-Ħadd għażiż ddedikat lill-Ħniena Divina, tkun għalina lkoll bidu tajjeb ta' ċelebrazzjonijiet Ġorġjani kbar li se jkollna fit-tliet xhur li ġejjin sal-festa ta' Lulju.

Iżda, qabel ma naħsbu dwar il-festi kbar ta' Lulju, jibqagħlna, f'dan ix-xahar, ġimgħa oħra ta' ċelebrazzjonijiet, din id-darba, b'aċċent speċifikament Ekkleżjali.

### ĊELEBRAZZJONIJIET EKKLEŻJALI

Għax fil-jum tal-Ħadd li fih inkunu qed nilħqu l-quċċata tat-tifkiriet Ġorġjani, nibdew il-ġimgħa djoċesana tal-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem t'Alla li din is-sena se jsir fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Għalhekk, il-konċelebrazzjoni pontifikali ta' dak inhar tkun ukoll il-quddiesa inawgurali ta' ġimgħa ta' attivitajiet li fihom, u bihom, jingħata



tagħlim, isir appostolat u ngħollu l-ġieħ ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla.

Għal dawn l-attivitajiet ukoll inħeġġeġ il-parteċipazzjoni sħiħa tal-Komunita' Parrokkjali tagħna kollha. Il-qofol ta' din il-ġimgħa jintlaħaq nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju, meta jsir il-Kungress Djoċesan tax-Xirka fi Pjazza San Ġorġ, fit-tmiem ta' korteo li jitlaq minn San Franġisk.

Hekk, wara li nkunu ċċelebrajna lil Ġesù Kristu, ix-Xhud il-Kbir ta' l-Imħabba tal-Missier għalina, u wara li nkunu ċċelebrajna lil San Ġorġ, il-Martri l-Kbir ta' l-imħabba tal-Knisja għal Ġesù, niċċelebraw ukoll l-identità tagħna bħala xhieda, flimkien ma' San Ġorġ, u fuq l-eżempju tiegħu, ta' l-imħabba ta' l-umanita' għal Alla u tar-rispett li s-soċjeta' għandu jkollha lejn ismu.

### TLETT IĦDUD TA' FESTA

Kif qegħdin taraw ġejjin fuqna tlett iĦdud mill-isbaħ: L-ewwel wieħed hu Ħadd il-Għid meta Kristu qam mill-imwiet għas-salvazzjoni tagħna lkoll, fosthom San Ġorġ, il-Patrun għażiż tagħna. Imbagħad jiġi Ħadd l-Ottava tal-Għid meta l-Ħniena Divina narawha fir-rebħa li tat lil San Ġorġ fuq l-għedewwa t'Alla u tal-Knisja. U fl-aħħar, it-Tielet Ħadd ta' l-Għid meta nqimu dak l-Isem Imqaddes li għalih San Ġorġ umilja ruħu u sar ix-xhud (jiġifieri l-martri) l-kbir fil-Knisja tal-bidu .

### TALBA U STEDINA

Waqt li nitlob, u nħeġġiġkom titolbu miegħi, għas-suċċess ta' dawn il-jiem sbieħ ta' grazzja li resqin lejna, nistieden lil dawk kollha li jistgħu jgħinu, saċerdoti u lajċi, fl-organizzazzjoni u t-twettiq tal-programmi mħejjija biex jersqu 'l quddiem u jagħtu l-għajnuna tagħhom.

Nawguralkom festi sbieħ u frott spiritwali.

*Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia*

# Rokna għat-Tfal





Għeżież Tfal,

Kif intom! Nittama li tinsabu tajbin. Naħseb li taqblu miegħi li ninsabu fi żmien sabiħ tas-sena meta bħalissa qegħdin infakkru l-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu ma' l-elfejn sena ilu. Din il-ġrajja li lilna fdietna minn dnubietna u ħelsitna mill-ktajjen tax-xitan, għadna nfakkruha kull sena b'mod speċjali matul il-jiem sbieħ u għeżież tar-Randan li dis-sena beda l-Erbgħa 5 ta' Marzu. Matul dawn il-jiem naħseb ħafna minnkom mhux darba u tnejn marru jitolbu quddiem l-istazzjonijiet tal-Via Sagra li tħott duddiemna l-istorja tat-tbatija li għadda minnha Ġesù, minn x'ħin daħal jitlob fil-Ġnien taż-Żebbuġ sa ma spiċċa mejjet minxur fuq l-għuda tas-Salib.

Il-Knisja tilbes l-iswed bħala sinjal ta' luttu u ġimgħa wara ġimgħa fil-parroċċa tagħna jsiru l-Eżerċizzi Spiritwali għall-parruċċani kollha. Naħseb li intom ukoll fl-iskola tagħkom kellkom dawn il-priedki bħala tħejjija għall-festa kbira ta' l-Għid. Illum il-ġurnata fil-Bażilika tagħna, propju faċċata tan-niċċa ta' San Ġorġ, taraw l-istatwa sabiħa ta' Kristu Rxoxt li ħadet post statwa antika u li f'Ħadd il-Għid toħroġ fuq l-ispallejn iddur mat-toroq tar-Rabat bil-marċijiet tal-Banda La Stella, li kif tafu tagħmel ukoll Serata funebri fil-knisja matul il-Ġimgħa Mqaddsa u ieħu sehem ukoll fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li dis-sena toħroġ f'Ħamis ix-Xirka fil-għaxija. Naf li ħafna minnkom ukoll jieħdu sehem f'din il-purċissjoni qadima u tradizzjonali. Fil-Knisja tagħna jkollna funzjonijiet tassew sbieħ fosthom ukoll ġimgħa ta' priedki bi preparazzjoni għall-festa tad-Duluri.

Dawn huma kollha festi ta' vistu għax marbutin mat-tbatija l-mewt ta' l-Imgħallem Divin, Iżda wara, ikoll nifirħu bir-rebħa ta' Ġesù fuq il-mewt.

Din is-sena sa nkomplu nifirħu bil-kbir għaliex matul April stess sa jkollna



iktar festi biex nissuktaw infakkru l-festi f'ġieħ San Ġorġ il-Patrun tagħna fl-okkażjoni tas-17-il mitt sena mill-martirju glorjuż tiegħu, Kemm ninsabu xxurtjati li ninsabu nghixu fi żmien hekk sabiħ, żmien sabiħ u ta' festi li sa jibqgħu sejrin sa April tas-sena d-dieħla.

Intant, inħeġġiġkom għeżież tfal biex tgawdu dak kollu li qed jiġi ppreparat, imma ara ma twarrbux fil-ġenb id-dmirijiet ta' l-iskola għaliex mingħajr it-tagħlim ma tistgħu tagħmlu xejn.

Issa għidt biżżejjed u se ngħaddi għal ftit mistoqsijiet li għandkom ċans twieġbuhom sa nhar il-Ġimgħa 2 ta' Mejju 2003.

Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-Indirizz: L-Editur, Il-Belt Victoria, Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria, Għawdex. Fost dawk li jwieġbu tajjeb sa ntellgħu bix-xorti ktieb sabiħ bil-Malti mogħti mill-Klabb Kotba Maltin Tel. 2155 1325.

*Il-Mistoqsijiet huma dawn:*

1. Semmi żewġ impenji tal-Banda La Stella matul il-Ġimgħa Mqaddsa.
2. Semmi żewġ statwi li nsibu fil-purċissjoni tagħna tal-Ġimgħa l-Kbira.
3. Kemm-il sena ilu mejjet San Ġorġ?
4. Meta sa jagħlqu l-festi speċjali ta' San Ġorġ?
5. Meta beda r-Randan din is-sena?

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-ħarġa ta' Jannar-Frar 2003 li telgħet bix-xorti hija:Georgene Buttigieg, Lorlin, Mattia Preti Str., Victoria.

Inselli għalikom lkoll!
*Iz-Ziju Peppi*

## JEKK IMUTLEK XI ĦADD

Tista' ixxerred id-dmugħ għax m'għadhiex magħna
Jew tista' titbissem għaliex għexet.

Tista' tagħlaq għajnejk u titlob li tiġi lura
Jew tista' tiftaħ għajnejk u tara kulma ħalliet.

Qalbek tista' tħossha vojta għax ma tarahiex
Jew tħossok mimli bl-imħabba li qsamtu flimkien.

Tista' tinsa l-għada u tgħix il-bieraħ
Jew tista' tifraħ bl-għada minħabba fil-bieraħ.

Tista' tiftakar fiha u fit-tluq tagħha
Jew tgħożż il-memorja tagħha u tħalliha ħajja.

Tista' tibki u tagħlaq moħħok, tiżvojta u tagħti darek
Jew tagħmel kif kienet tagħmel hi-
Titbissem, tberraħ għajnejk,
Tħobb u tibqa' għaddej.

# PROGRAMM TA' L-40 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA

## *Parroċċa San Ġorġ Martri, Belt Victoria-Għawdex*

## mis-27 ta' April sa l-4 ta' Mejju 2003

Suġġett: *AĦNA XIEHDA TA' KRISTU*

**Il-Ħadd 27 t'April**
*8.30am:* Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tas-Sbatax-il Mitt sena mill-Martirju ta' San Ġorġ, li sservi wkoll bħala ftuħ ta' l-attivitajiet tal-40 Kungress Tax-Xirka.
*9.00am:* Quddiesa mxandra fuq TVM - imexxi Fr.Joe Vassallo, Chaplain Nazzjonali tax-Xirka.

**It-Tnejn 28 t'April**
Fil-għodu żjajjar f'diversi skejjel.
*6.00pm:* Konċelebrazzjoni Solenni li għaliha huma mistiedna t-tfal li jattendu ċ-Ċentri tad-Duttrina tal-Parroċċa.

**It-Tlieta 29 t'April**
Fil-għodu jkomplu ż-żjajjar fl-iskejjel.
*6.00pm:* Quddiesa minn Mons Karm Hili, Delegat Apostolat tal-Lajċi.

**L-Erbgħa 30 t'April**
Fil-għodu jkomplu ż-żjajjar fl-iskejjel.
*11.00am:* Fil-Bażilika Mons Salv Borg iqaddes għat-tfal ta' l-iskejjel Primarji St. Francis u Sir Arturo Mercieca.
*6.00pm:* Quddiesa bl-omelija minn Mons Salv Debrincat, Delegat għar-Reliġjużi Nisa tad-Djoċesi.
*7.00pm:* Membri mill-Komunità Parrokkjali jirreċitaw r-Rużarju mis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu li jixxandar fuq l-RTK.

**Il-Ħamis 1 ta' Mejju**
*9.00am:* Programm fuq l-RTK mill-Media Center. Jieħdu sehem Mons Isqof, Mons Arċipriet, Fr. J. Vassallo u Mons Salv Borg.
*10.15am:* Żjara fl-Isptar u fir-Residenza Sant'Anna.
*6.00pm:* Knisja Ragħaj it-Tajjeb: Quddiesa minn Dun Eddie Zammit fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħaddiem.
*7.00pm:* Ċelebrazzjoni tal-Kelma u jitbierku l-għodod.

**Il-Ġimgħa 2 ta' Mejju:**
***L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar***
Adorazzjoni fil-Bażilika bejn il-Quddies kollu li jiġi ċelebrat kull siegħa bejn id-9.00am u l-4.00pm.
*9.00am:* Quddiesa fil-Bażilika għall-istudenti ta' l-Iskola Aguis De Soldanis.
*10.00am:* Quddiesa fil-Bażilika għall-istudenti ta' l-Iskola Ninu Cremona.
*6.00pm:* Quddiesa mill-Arċipriet Mons. G. Farrugia għall-membri tal-Kumitati Parrokkjali.

**Is-Sibt 3 ta' Mejju:**
***L-Ewwel Sibt tax-Xahar***
Adorazzjoni bejn il-quddies li jiġi ċelebrat kull siegħa bejn id-9.00am u nofs in-nhar.
*5.00pm:* Quddiesa bl-Omelija minn Mons Salv Borg, Chaplain Djoċesan
*6.00pm:* Quddiesa bl-Omelija minn Fr. J. Vassallo, Chaplain Nazzjonali.
*7.00pm:* Quddiesa Animata miż-żgħażagħ tal-parroċċa bis-sehem tat-234 Music Group.
*8.30pm:* Quddiesa li tagħti bidu għal-lejl ta' talb u adorazzjoni, immexxi mill-Moviment Ewkaristiku.

**Il-Ħadd 4 ta' Mejju:**
***JUM IL-KUNGRESS TAX-XIRKA***
L-Omeliji fil-quddies kollu jkunu fuq il-motto "Aħna Xhieda ta' Kristu".
*8.30am:* Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Isqof Nikol Cauchi li tiġi mxandra diretta fuq l-RTK.
*5.15pm:* Il-Poplu Għawdxi jinġabar fi Pjazza San Franġisk
*5.30pm:* Jibda l-Korteo, li fih jieħdu sehem is-Saċerdoti, Reliġjużi u Lajċi mill-Parroċċi kollha t'Għawdex, akkumpanjati mill-Boy Scouts u l-Banda Ċittadina *La Stella*. Il-Korteo jgħaddi minn Triq Palma, Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza u Triq San Ġużepp.
*6.00pm:* Wasla fi Pjazza San Ġorġ

- Merħba mill-Arċipriet Mons G. Farrugia.
- Mons Isqof jiddikkjara miftuħ l-40 Kungress tax-Xirka.
- Feature: "Aħna Xhieda ta' Kristu", kitba ta' Mons Salv Borg.
- Appell minn Fr. Joe Vassallo, Chaplain Nazzjonali.
- Ġorġ Aguis ifaħħar 'l Alla bil-għana tiegħu.
- Diskors ta' l-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi.
- Tħabbira tal-41 Kungress mir-Sur J. Refalo, President Djoċesan.
- Purċissjoni bis-SS.mu Sagrament mill-Bażilika sa Pjazza San Ġorġ.
- Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.
- Barka Sagramentali.
- Innu Nazzjonali.

Il-Kant jitmexxa mill-Kor tal-Parroċċa "Laudate Pueri"

*(Fis-7.30pm Quddiesa fil-Bażilika b'ringrazzjament)*





A&M Printing Ltd. - Qala - 2155 3217